*Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Struttorja*

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD, Mag.Jur. (Euro Law)**

***Il-Pulizija***
***Spettur Alexandra Farrugia Mamo***
***V***
***Alfred Baldacchino***

Illum 3 ta' Lulju 2001

Il-Qorti,

Rat- Semghet - Ikkunsidrat

## ***Akkuzi***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Alfred Baldacchino huma bazati fuq is-segwenti reati : **Truffa** u **Frodi Innominat** a tenur tal-artikoli 308 u 309 tal-Kap.9; **Approprijazzjoni Indebita** a tenur tal-artikoli 293 u 294 tal-Kap.9; **Falsifikazzjoni** ta' doumenti u **Uzu** mill-istess a tenur tal-artikolu u 189 tal-Kap.9; **Investiment barra** minn Malta u **Esportazzjoni ta' flus** – minghajr il-permess skond il-ligi, bi ksur tal-artikoli 2 u 23 tal-Att dwar il-Kambju – '*f' dawn il-Gzejjer u f' dawn l-ahhar snin'*.

## ***Kwadru tal-fatti***

Illi dan il-kaz jirrigwarda l-gestjoni tal-Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri li l-Kap dinastiku taghha huwa l-Gran Duca Dimitrivic di Russia li ghandu 78 sena. Il-proceduri odjerni isibu l-origini taghhom f' akkuzi ta' natura kriminuza mghamula minn membru tal-Ordni fil-konfront tal-imputat Alfred Baldacchino li ghandu l-kariga ta' Gran Mastru tal-istess Ordni.

Mill-kumpless tal-provi rrizulta li b'Att datat 5 ta' Dicembru 1986 mghamul fil-presenza ta' nutar f' Ruma, il-Gran Duca nnomina lill-Alfred Baldacchino, accettanti, sabiex jokkupa l-kariga ta' Gran Mastru tal-Ordni *'ad vitam'*.

Fit-12 ta' Ottubru 1989, l-imsemmi Gran Duca, wara Supplica mghamula mill-membri tal-Consiglio Magistrale ffirmata ukoll minn Sandro Calleja li f' dak iz-zmien kellu l-kariga ta' Vicar Grand Master, stante li l-Gran Duca ma kellux tfal u stante li ried li tkompli d-dinastija wara mewtu, ghamel **Atto Testamentario Di Adozione Dinastica** *'allo scopo di assicurare all' Ordine la continuita' futura dell' esercizio del Suo Gran Magistero'* fejn iddikjara lill-Princep Alfred Josef Baldacchino di Gagry, l-imputat fil-kawza odjerna, bhala *'nostro figlio adottivo'*. Fl-istess Att hemm gie konvenut li ***'da questo momento'*** tigi assenjata lilu *'in dote'* l-Ordni flimkien mal-istituzzjoni kulturali denominata **Imperiale Accademia di San Cirillo**.

Illi in seguitu ghall-imsemmi Att ta' Adozioni u in conseguenza tal-istess, il-Gran Duca u Alfred Baldacchino, dahhlu f' diversi *konven zjonijiet ekonomici,* fejn gew stipulati l-obbligi u id-drittijiet rispettivi, fosthom l-obbligu tal-imputat, fil-kwalita' tieghu ta' Gran Mastru, li jhallas somom stabbiliti bhala rendita annwali lill Gran Duca.

Illi mix-xhieda tal-imsemmi Gran Duca rrizulta li kien hemm xi okkazzjonijiet meta dana issospenda lill-imputat mid-drittijet naxxenti mill-imsemmi Atto di Adozione minhabba li dana naqas li jhallas il-vitalizzju dovut lilu skond l-imsemmija konvenzjonijiet. Dawn is-sospensjonijet saru

permezz ta' zewg ittri registrati mibghuta lill-imputat u anki avvizi fil-gazzetti Taljani.

Illi mill-imsemmjija deposizjoni rrizulta li b' ittra ohra registrata 14 ta' Settembru 1990 (Y22 – fol.898) il-Gran Duca irrevoka <u>unilateralment</u> l-Att ta' Adozjoni fuq indikat.

Illi in porpositu l-Qorti, minghajr ma tippronunzja ruhu fuq vertenzi li huma ta' natura civili, u li allura jezorbitaw mill-funzjoni ta' din il-Qorti, tosserva li ghandha <u>riservi serjissmimi</u> dwar il-validita' ta' dawn is-sospenzjonijiet u revoka - stante li huwa principju elementari ta' dritt civili li parti fi skrittura privata ma tistax legalment u validament tinnewtralizza l-effetti ta' dak l-att b' semplici <u>att unilaterali</u>, *multo magis* b'ittri postali u avvizi fil-gazzetti.

Illi fil-frattemp kienu saru akkuzi ta' natura kriminuza fil-konfront tal-imputat rigwardanti malamministrazzjoni tal-Ordni, liema akkuzi ngabu a konoxxenza tal-Gran Duca personalment minn uhud mill-membri tal-Ordni. Fost dan il-grupp li kien jikkonsisti f' erba minn nies kien hemm l-imsemmi Sandro Calleja.

Illi permezz ta' ittra ohra datata 12 Dicembru 1997 il-Gran Duca kien kiteb lill-imputat u qallu sabiex jikkonsidera *'superate le mie precedenti lettere con tutto quanto in esse contenuto,* ***come se le stesse non fossero state da me mai scritte'*** (emfasi tal-Qorti). Irrefera ukoll ghal akkuzi li kienu saru minn terzi bhala *'meschine e deplorevoli'.* Fl-istess ittra l-Gran Duca kkonferma lill-imputat fil-kariga tieghu ta' Gran Mastru u osserva hekk *: ' .. a Cui (l-imputat) rinnovo incondizionamente tutta la mia stima e la mia*

*considerazione, per la incessante e altamente meritoria opera che Lei, ormai da oltre dieci anni, profonde, con encomiabile e fruttuoso impegno e totale e disinteressata dedicazione a favore dell' Ordine e dei suoi figli …'*. Din l-ittra giet konfermata bil-gurament mill-istess Gran Duca. (fol.991 u 1156)

Illi fl-istess deposizjoni tieghu l-Gran Duca kkonferma bil-gurament u f' termini cari **li l-imputat ghadu l-Gran Mastru tal-Ordni**.(fo.1149)

***Origini tal-kaz***

Dan il-kaz isib il-genesi tieghu fl-ilment ta' xi uhud mill-membri tal-Ordni li l-Gran Mastru ma kienx jghati sodifazzjoni adegwata tal-movimenti tal-flus tal-Ordni. Il-protagonista ewlieni f' dan ir-rigward huwa Sandro Calleja li fiz-zmien inkriminat kellu l-kariga ta' Gran Mastru Vigarju fi hdan l-Ordni. Dana kien konsistement jattakka lill-imputat u jinsisti sabiex dana jipprezenta l-accounts tal-Ordni. Fil-fatt huwa kien wiehed minn dawk l-erba minn nies, fosthom Vincent Attard, li kienu marru personalment ghand il-Gran Duca f' Ruma u akkuzaw lill Gran Mastru, *inter alia*, b' amministrazzjoni hazina tal-flus tal-Ordni. Dan kien bejn is-sena 1994 u s-sena 1995.

Illi l-ilment principali taghhom kien li ma kienux jafu x' qed isir mill-flus tal-Ordni, u per konsegwenza Sandro Calleja akkuzah b' reati ta' Frodi u Approprijazzjoni Indebita.

Fis-sena 1997 dana kiteb ittra cirkolata lill-membri fejn akkuza lill-Gran Mastru b' dawn ir-reati fir-rigward tal-finanzi tal-Ordni.

Illi in seguitu u konsegwenza tal-imsemmija ittra, il-Kunsill Esekuttiv tal-Ordni hareg resoluzjoni unanima fl-20 ta' Frar 1997 fejn irrakkomanda lill-Gran Mastru sabiex jghaddi ghall- *'immediate dismissal'* ta' Sandro Calleja mill-kariga ta' Gran Mastru *'on grounds of perjury and treason.'* u di *piu' 'to take legal action'* kontra tieghu, u sabiex jigi svestit mit-titoli nobiljarji kollha konferiti lilu mill-Ordni. Konformament ma' din ir-resoluzjoni, il-Gran Mastru permezz ta' Magistral Decree datat 5 ta' Marzu 1997 kecca lill-imsemmi Sandro Calleja mill-Ordni.*(fol.168 et. seq).*

L-istess Sandro Calleja kien ittella l-Qorti biex jirrispondi ghall-akkuza ta' malafama fil-konfront tal-Gran Mastru, izda l-kawza kienet giet eventwalment irtirata fl-10 ta' Ottubru 1997 wara li Sandro Calleja kien gie muri fil-Qorti rapport finanzjarju mill-accountant tal-Ordni ta' dak iz-zmien.

Illi jdher pero' li Sandro Calleja ma accettax it-tkeccija tieghu, u fix-xhieda tieghu sostna li l- Gran Mastru ma setghax ikeccieh b' dak il-mod u li t-tkeccija tieghu ma kienitx valida peress li ma kienitx mghamlua bil-procedura preskritta.

Illi huwa relevanti li jinghad li fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, Sandro Callejja xehed li huwa ghandu interess personali fl-affari tal-adozzjoni tal-Gran Mastru mill-Gran Duca. Huwa spjega li l-interess personali tieghu jikkonsisti *'(fis) semplici raguni li jekk hu (l-imputat) addottat, it-tifel tieghu jigi Vikarju Gran Mastru, u jekk mhux addottat dan it-titolu jibqa' tieghi.' (fol.222).*

Illi mill-provi rrizultat cara u ampja l-animosita' li l-imsemmi Sandro Calleja ghandu fil-konfront tal-Gran Mastru. Konformament ma' dan, fix-xhieda tieghu George Debattista xehed hekk : *' .. (Sandro Calleja) qalli li jrid jghamel massakru mill-eccellenza tieghu li at all cost jghamillu xi haga.'(fol.567).* Ix-xhud qal li huwa pprova jirrikonciljhom, izda Sandro Calleja ma kienx accetta li jiltaghu.

Illi din il-Qorti tosserva li l-premess qed jigi espost mhux bil-ghan li tigi determinata legalment jew gudizzjarament il-posizjoni tal-imsemmi Sandro Calleja vis-a-vis l-Ordni, izda **bhala parti mir-retro xena ta' dan il-kaz u l-isfond li fihom qed isiru l-akkuzi** odjerni li wkoll huma principalment bazati fuq ir-reati ta' Frodi, Approprijazzjoni Indebita u Falsifikazzjoni.

Illi meta kienu isiru l-ilmenti li il-membri ma kienux jafu x' kien qed isir mill-flus tal-Ordni stante li ma kienux gew prezentati accounts l-imputat kien jghidilhom li l-Ordni ghandha hafna spejjez u li l-flus kienu qed imorru ghal dawn l-ispejjez, kien jghidilhom ukoll li l-Ordni ghandha hafna dejn. Din ma kienitx tissodisfahom, u per konsegwenza l-imsemmi Vincent Attard, li f' dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Lieutenanat Grandmaster rrizenja mill-Ordni.

Fil-proceduri odjerni xehed ukoll ***Paul Bonnici*** li f' dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Gran Hospitalier, li ghandu l-funzjoni ta' Tezorier, fi hdan l-Ordni. Dan xehed li, meta kien gie nominat, l-imputat kien mar fuqu u tah mumru ta' files u qallu sabiex jiccekja l-*accounts 'biex naraw fiex ahna'*. Dan ezamina l-files mghoddija lilu ta' sentejn u kkonstata li *'kull ma sibt fil-files kollox kien irrekordjat fl-accounts.'* Dan ikkonferma li l-flus li

dahhlu u li hargu kienu *accounted for*, *'kollha bir-ricevuti.'* Ix-xhud qal li huwa ezamina l-kontijet ta' Malta biss.

F'din il-kumpilazzjoni xehed ukoll ***Emanuel Ciantar*** li anki dan kien jokkupa l-kariga ta' Hospitalier tal-Ordni ghal circa sena jew sena u nofs. Dan spjega li skond l-istatut il-*Hospitalier 'is the guardian of the finances of the Order'*. Qal li huwa beda l-accounts tal-Ordni f' Malta, u sabha difficli mhux ghax kien hemm tfixkil da parti tal-Gran Mastru, izda peress li qabel ma kienux jinzamu kotba u ghalhekk kellu jibda mill-bidu. Ix-xhud spjega li l-Gran Mastru kien jghidlu li kellu hafna kontijet xi hallas *'which is correct, he had to pay hgih bills for the decorations and things like that and I honestly believe that in fact he showed me some bills .... In fact I used to pay a lot of the bills like the mantels were LM900 at a time, I used to pay up to LM900 every now and then. And sometimes when there was no money in the accounts, Mr.Baldacchino paid from somewhere I don' t know.'*

Illi fil-fatt irrizulta minn diversi xhieda li l-Gran Mastru kien ikollu hafna spejjez xi jhallas u gieghli harighom minn butu. Ezempju li ssemma aktar minn dabra huwa dak meta l-Ordni ghamlet CD bi skop promotorju bil-prezz ta' circa LM5,000, izda dan il-progett falla, u t-telf refghu l-imputat personalment.

Ix-xhud ikkonferma li **l-priorrjati tal-Ordni f' pajjizi ohra kellhom il-kontijiet taghhom**, u kienu jbghatu Malta biss percentagg zghir dak li huwa dovut lill-officju centrali tal-Ordni. Fi kliem iehor il-movimenti tal-flus li kienu jiggestixxu dawn il-priorjati kienet responsabilita' taghhom.

***<u>L-Imputat</u>***

*<u>Stqarrija</u>*

Dana rrilaxxja stqarrija lill-pulizija fis-17 ta' Ottubru 1998 fejn *'a tempo vergine'* in sostanza u, *inter alia*, spjega li huwa Rettur tal-Akkademja ta' San Cirillo u Gran Mastru tal-OBSS u dana in forza tal-Atti fuq indikati tas-sena 1986 u 1989. Huwa rreferi ghad-decizjoni unanima tal-kunsill esekuttiv tal-Ordni tal-20 ta' Frar 1997 fuq citata fejn ir-rapport finanzjarju mghamul mill-Kavalier Pawlu Bonnici gie unanimament accettat mill-membri kollha. Huwa ikkonferma li gieli gabar flus ghan-nom tal-Ordni u dawna kien juzahom *'skond il-htigijet tal-mument'*. Qal li l-flus kienu jigu depositati gol-account tal-Ordni fil-Bank of valletta. Mhux l-ewwel darba li huwa hallas minn flusu spejjez tal-Ordni; di fatti, skond l-imputat l-Ordni hija debitrici ta' wahda mill-kumpanija tieghu fis-somma ta' LM18,260. Qal ukoll li *'kien hemm zmien'* meta kien hemm kont f' ismu fil-Banca Nazzjonali di Lavoro '*fi zmien meta l-Ordni ma kienitx awtorizzata li topera bank account gewwa l-Italja'*.

*<u>Deposizjoni</u>*

Illi l-imputat xtaq jixhed f' dawn il-proceduri biex jghati spjegazzjonijiet aktar dettaljati. Difatti huwa ddepona f' zewg okkazzjonijiet quddiem din il-Qorti. Hu spjega li l-Ordni ghandha tlett skopijiet u cioe' li tippromuovi opri filantropici, kulturali u ekumenici. L-opri filantropici isriu mill-kavaliieri fi hdan il-priorjat taghhom, ghax kull pajjiz huwa separat, u jikkontribwixxu u jghamlu fund-raising activities. L-opri kulturali huma fdati lill Akkademja di San Cirillo u l-opri ekumenici jghamluhom il-prelati li, stante li dawn m'ghandhomx mezzi finanzjarji, jigu finanzjati mill-Ordni.

L-imputat spjega li ghal hafna snin l-Ordni kellha dhul limitat peress li r-recruitments tal-membri kien limitat hafna filwaqt li l-promotional expenses kienu *'heavy'*. Id-dhul tal-flus li bazikament kien jikkonsisti fil-LM15 membership annual fee kien jigi registrat fl-account tal-Gran Priorat ta' Malta. Il-flus tal-investituri dejjem gew depositati fl-account rispettiv. Wara s-sena 1995 kull Gran Priorat gie mghoti l-awtonomija li jigbor il-flus u jzommhom u jamminsitrahom hu. Il-flus li s-sede magisterjali tircevi minn barra, li huwa percentagg zghir minn dak li jdahhlu dawn il-priorati, dejjem dahhlu fil-bank account mgharuf bhala *'internazzjonali'* ghax ma jappartjnix lill Malta; filwaqt li dawk li jirevi l-Gran Priorat ta' malta jidhlu fl-account ta' Malta.

Spejjez ta' amministrazjoni qatt ma thallsu mill-Ordni u qatt ma gew inkluzi fl-accounts. Dawn kienu jikkonsistu f' office expenses, li skond ix-xhud kienu 'heavy'. Dawn kien jhallashom hu minn flusu. Rigward spejjez promozjonali, dawn kienu jithallsu mill-kont internazzjonali stante li dawn kienu jsiru a beneficju tal-priorjati kollha madwar id-dinja.

Rigward il-hatra ta' Emanuel Ciantar bhala Hospitalier ix-xhud spjega li qabel is-sena 1993 iz-zamma tal-kontijiet kienet *'ftit amatuer'* u ghalhekk meta dana sar membru, peress li kien qualified accountant, tawh din il-kariga u l-imputat pogga a disposizjoni tieghu kamra separata fejn kien hemm il-files kollha, ricevuti, kontijiet, chequebooks etc.

Illi fid-deposizjoni tieghu tat-12 ta' Gunju 2001 l-imputat esebixxa l-accounts ghall-perijodu li jestendi mis-sena 1991 sas-sena 1995 fejn hemm registrat <u>dettaljatament</u> il-moviment kollha tal-flus tal-ordni li dahhlu u

hargu u x' jirrapresentaw. Minn dan jirrizulta li sas-sena 1995 inkluza kien hemm deficit ta' circa LM4,000.

Ix-xhud esebixxa certifikat minghand Paul Giglio fil-kwalita' tieghu ta' *Certified Public Accountant and Auditor* minn fejn jirrizulta li l-Ordni hija debitrici tal-imputat u l-kumpaniji tieghu fl-ammonti ta' LM18,264.61 – LM250 u LM2,922.

Ix-xhud esebixxa ukoll kopja tal-minuti tal-laqgha mizmuma mill-Kunsill Esekuttiv fit-23 ta' Awissu **1995** fejn hemm imnizzel hekk : *'The Prince Grand Master laid on the table financial statements for years 1991 to 1995.* ***Detailed explanations were made by the Prince Grand Master and all Council Members expressed their satisfaction on the way Financial statements are being presented to council for approval****. These statements are not yet audited. The Prince Grand Master is compiling Statements for years 1987 to 1990 …' (dok.AB4).*

Illi meta l-imputat wera dawn il-kontijiet lill Professur Victor Sultana, Gran Prijur tal-Ordni, dana minn rajh qallu li kien ser jsejjah laqgha ghall-**former** Members tal-Kunsill Esekuttiv fid-9 ta' Ottubru 1995. Din il-laqgha saret u mill-*'former members'* gie biss Sandro Calleja. F' din il-laqgha tqassmet kopja ta' dawn il-kontijiet inkluz l-imsemmi Sandro Calleja u dana deher li kien sodisfatt bihom.

Illi fil-proceduri odjerni l-imputat pprezenta *diversi statement of accounts* ohra. Esebixxa sommarju tal-flus kollha li gew minn barra mis-sena 1993 sas-sena korrenti. Esebixxa ukoll statement dettaljat tat-transazzjonijiet

bankarji kollha li saru mis-sena 1993 sa Mejju 2001 (doki. AC u AB 7). Dan juri l-flus kollha li dahhlu u kif hargu mill-kont bankarju tal-Ordni.

Illi l-imputat akkuza lill-imsemmi Sandro Calleja li dana, nonostante li kien tkecca mill-Ordni, baqa' jipprezenta ruhhu bhala Vicar Gran Mastru u jigbor flus ghan-nom tal-Ordni. Di fatti pprezenta dokument li fuq in-naha ta' wara tieghu l-imputat qed isostni li hemm il-kaligrafija tal-imsemmi Sandro Calleja u hemm indikat is-somma ta' LM200 *'mantle and medal'* u s-somma ta' LM100 *'donation'* (dok.AB8).

Illi rigward l-allegazzjonijiet mghamula minn Luigi Arancio, **ghalkemm dawn jikkoncernaw investituri u spejjez inkorsi fl-Italia** – u ghalhekk barra il-parametri tal-akkuzi odjerni – l-imputat xorta pprezenta statement dettaljat tal-flus kollha mhallsa. (dok.AB9).

Illi rigward l-istatus tal-Ordni l-imputat spjega li din ***hija 'sovrana dinastiku non nazionale'*** jigifieri mhux marbuta ma' territorju. L-Ordni ghandha hafna membri madwar id-dinja kollha. Anki fl-Italja ghandha diversi membri li fosthom hemm persuni gejjin mill-oghla livelli tas-socjeta'. Tant hija rikonoxxuta l-Ordni fl-Italja li l-awtoritajiet jippermettu li jsiru investituri fil-knejjes taghhom u jkollhom anki l-isqof maghhom. Izda spjega li sabiex l-Ordni tkun tista' taqdi l-iskopjiet taghha fl-Italja, il-membri hemmhekk rregistraw **l-Associazione Italiana dei Cavalieri OBSS** b'Att nutarili datat 6.3.1999 (dok.AB10). L-imputat ipprezenta wkoll certifikat mahrug mill-Ministero Delle Finanze biex juri li l-Akkademja ta' San Cirillo hija rikonoxxuta fl-Italja.(dok.AB 12).

Illi l-imputat ipprezenta wkoll dokumenti, depositati ghand nutar, datati **6 ta' Awissu 2000** u cioe' wara li l-Gran Duca kien xehed f' Malta fil-proceduri odjerni, fejn in sostanza l-istess Gran Duca ttrasferixxa lill Gran Mastru, l-imputat, is-sovranita' totali u il-*fons honorum* tal-Ordni. *'Decidiamo di trasferire ..... la piena e assoluta Sovranita' ed il fons honorum sull'Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri e sull'Academia Sancti Cyrilli a favore di S.A.E. il Principe Alfred Joseph Baldacchino di Gagry' (dok.13).*

Illi rigward l-Att Testamentarju Addottiv, l-imputat spjega li, peress li bejnu u bejn il-Gran Duca ma kienx hemm minimu ta' 18 il-sena differenza, l-adozzjoni ma setghatx issir skond il-ligijiet tal-adozzjoni tal-pajjiz, u allura saret **addozzjoni dinastika**. Sar dan il-ftehim bejniethom u l-Att relattiv gie deposizat regolarment ghand Nutar. Dan l-Att sar wara Supplika mill-Kunsill Magisterjali tal-Ordni u Sandro Calleja li dak iz-zmien kien Vicar Grandmaster kien iffirma l-ewwel wiehed *(Supra).* L-imputat spjega li din il-procedura saret fuq precedent l li kien sar fl-Isvezzja fejn fis-seklu l-iehor il-familja rjali ta' dak iz-zmien, peress li kienet bla tfal, kienet addottat lill-General Bernadotte bhala it-tifel taghhom sabiex tkompli d-dinastija.

Illi rigward l-akkuza li l-imputat iffalsfika l-firma tal-Gran Duca fuq xi dokumenti, apparti mix-xhieda tal-istess Gran Duca fejn dana ikkonferma li l-firem kollha kien tieghu u kienu awtenici, l-imputat spjega li kull meta l-Gran Duca iffirma **'dokument storiku'** fejn kien involut l-imputat dana dejjem ha l-prekawzjoni li il-firem ikunu saru fil-presenza ta' terzi, u dana biex jevita li jkun hemm xi riperkussjonijiet il-quddiem. Fi kliem l-imputat *'jien to saveguard my interests dejjem ghamilna bix-xhieda u meta kienu affarijiet importanti dejjem gew notorised, dejjem'.(Dep.18.6.01)*

Rigward l-akkuzi dwar vjolazzjoni tal-Att tal-Kambju, l-imputat fid-deposizjoni spjega f' aktar dettal li zmien ilu il-Prijorat fl-Italja kien sab diffikulta meta gie biex jiftah kont bankarju sabiex ikun jista' jiggestixxi l-aspett finanzjarju tal-Prijorat, fis-sens li jhallas l-ispejjez u jiddeposita l-flus tal-investituri, u dana peress li  l-Ordni f' dak iz-zmien ma kienitx rikonoxxuta fl-Italja.  Ghalhekk il-kont ta' dan il-Prijorat inizjalment infetah **f' isem l-imputat ghan-nom tal-OBSS Via Merulana 117 Ruma** u cioe' l-indirizz tal-Gran Prijur.  Dak iz-zmien peress li l-imputat kien firmatarju kien biss jiffirmalu c-cheque book izda l-bqija tac-cheque kienu jimluh l-ufficjali ta' dak il-Prijorat <u>li kienu jiggestixxu l-finanzi taghhom</u>.    Dan il-kont bankarju qatt ma kien tal-imputat personali, u di piu ma kienx jiggestih l-imputat, izda t-Tezorier f' dak il-prijorat.  Sussegwentemet meta giet rikonoxxuta l-Assocjazzjoni tal-kavallieri fl-Italjar, dan il-kont inghalaq u ma ntuzax aktar.

***<u>Il-Professur Victor Sultaana</u>***

Dan ix-xhud li ghandu l-kariga ta' kirurgu f' Malta xehed fit-12 ta' Gunju 2001.  Dana dahal fl-Ordni fit-30 ta' Ottubru 1993 u kellu l-kariga ta' Gran Prijur.  **Ikkonferma li fis-sena 1994 kienet saret laqa' generali u kienu ghaddew l-accounts tas-sena 1993.**

Qal ukoll li meta fis-sena 1995 sar jaf li erba membri inkluz l-imsemmi Sandro Calleja kienu marru ghand il-Gran Duca jirraportaw lill-Gran Mastru dana kien ilmenta maghhom li ma ghamlux sew li marru jakkuzaw lill-Gran Mastru <u>fl-assenza tieghu</u>.

Illi meta l-Gran Mastru wera lix-xhud l-accounts tas-snin 1991 sa 1995, dan ix-xhud derhlu li bhala Gran Prijur kellu jsejjah laqgha biex jezaminaw dawn l-accounts.  Huwa sejjah laqgha tal-*'former members'* tal-Ordni fid-9 ta' Ottubru 1995, allura inkluzi dawk li marru ghand il-Gran Duca, u allura <u>inkluz l-imsemmi Sandro Calleja</u>.

Illi minn dawn  il-membri hadd ma gie hlief Sandro Calleja.  Meta dana ra dawn l-accounts huwa (Sandro Calleja) qal : *'qal isma kont nippretendi li ahna aghar minn hekk ghax il-Gran Mastru kellu johrog hafna flus biex l-Ordni qabdet fuq saqajha ....'*   Ix-xhud Victor Sultana kompla jghid *'Sandro Calleja accetahom kif kienu.  Lanqas kwistjoni xejn ma qal aktar.'(Dep.12.6.2001)*

***<u>Konsiderazzjonijiet ta' dritt</u>***

Illi l-kompitu ta' din il-Qorti bhala Qorti Istruttorja mhuwiex li tezamina u tivvaluta l-provi bil-ghan li tigi stabbilita l-htija o meno tal-imputat – dan huwa kompitu li jispetta lill-Qorti gudikanti - jekk ikun il-kaz.  Il-funzjoni tal-Qorti Istruttorja huwa dak li tigbor il-provi, u fl-gheluq tal-kumpilazzjoni tiddeciedi dwar l-esitenza o meno ta' kaz *'prima facie'* kontra l-imputat.  L-ezami u valutazzjoni tal-provi li ghandha tghamel din il-Qorti huwa **<u>limitat biss</u>** sa tal-grad biex jigi stabilit jekk il-provi prodotti humiex bizzejjez *'as to reasonably point to a possibility of guilt'* kontra l-akkuzat*(Qorti tal-Magistrati* ***Pul.v John Gaul (****LA).*

*Illi fid-decizjoni taghha fil-kaz Pulizija v Ronald Agius (2001 NC) il-Qorti tal-Magistrati fuq dan il-punt osservat hekk :*

*"In konkluzjoni fuq dan il-punt il-Qorti tosserva li mill-gurisprudenza lokali jidher illi jesisti cursus curiae fis-sens illi l-principju li ghandu jigu usat huwa fuq il-livell ta' **esami ta' possibilita' sa massimu ta' probabilita**. Pero' dejjem fuq bazi prima facie minghajr ma tigi determinata il-kwistjoni dwar il-kolpovolezza o meno tal-persuna mressqa. (**vide** Appelli Kriminali – Pul. v Stefano Mirabella 13.1.1971; Pul. v Anthony Roberts 16.12.1976 ; Pul. v Raymond Magri 17.2.1984; Pul. v Joseph Caruna 14.1.1984; Pul. v Edwar Cassar et 26.6.1986; Pul. v Raymond Brincat 9.12.1987; Pul. v Joseph Lebrun 5.10.1997; Pul. v Nichaolas Ellul 22.3.1991)*

*Konformament mal-premess il-Qorti ghandha tezamina l-provi mressqa f' dan il-kaz u tiddeciedi jekk humiex tali li jistghu ragjonevolment jifformaw bazi ta' htija ossia jekk fl-assiem taghhom jghatux l-lok ghall-**probabilita jew almenu ghall-possibilita** ta' sejbien ta' htija minn minn Qorti gudikanti."*

Illi mal-premess il-Qorti f' dan il-kaz partikolari, in vista tal-fatti specie tieghu, thoss opportun li tghamel is-segwenti osservazzjoni guridika ulterjuri. Illi **<u>suspetti u kongetturi</u>** m' ghanndhomx valur probatorju u, per konsegwenza ma jistghu la jirradikaw ir-responsabilita' kriminali u **lanqas jistghu jifformaw <u>bazi</u> ta' htija**. Ghalhekk dak li hu vag, dak li hu merament suspettuz u dak li jorigina minn kongettura, m' ghandhux lok fil-konsiderazzjoni tal-provi lanqas fid-determinazzjoni tal-esistenza o meno ta' kaz *prima facie*.

Qed jigi osservat ukoll li, sabiex tkun tista' tikkonfigura din il-grad ta' prova, il-prosekuzjoni trid tipprova – fuq bazi *ex facie* l-esistenza tal-ingredienti kollha tar-reati addebitati. ***Irid ikun hemm provi sufficjenti sabiex, fuq dawn il-provi, Qorti gudikanti jew gurija <u>tista'</u> <u>ragjonevolment</u> tasal ghal sejbien ta' htija.*** Din l-osservazjoni guridika ghandha relevanza

specjali fil-kaz odjern, in vista tal-fatt illi kif ser jigi indikat aktar il-quddiem, fir-rigward ta' uhud mill-elementi tar-reati ta' **Frodi** u **Approprijazzjoni Indebita** l-prosekuzjoni bl-aktar mod lampanti qeda tistrih fuq is-suspett u fuq il-kongettura, minghajr ma ressqet <u>ebda forma</u> ta' prova valida.

In fine ghandu jinghad, a skans ta' ekwivoku, li ma hux il-kompitu tal-Qrati Kriminali *multo magis* ta' Qorti Istruttorja li tezamina id-dokumenti esebiti, u precisament il-posizjoni legali taghhom fid-dirtt civili, bil-ghan li tiddeciedi defenittivament dwar il-validita' o meno taghhom. Din hija materja purament civili u hija ta' kompetenzi ta' Qrati ohra, u zgur mhux tal-Qorti Istruttorja. Dak li ghandha tistabilixxi din il-Qorti huwa unikament li tara jekk id-dokument *ex facie* huwiex fil-forma rikjesta mill-ligi. Hekk per ezempju huwa elimentari li skrittura privata bejn zewg partijiet, torbot liz-zewg kontraenti, u l-partijiet ma jistghux jinhallu mill-effetti legali taghha b' att unilaterali ta' wiehed mill-partijiet.

***<u>L-Akkuzi</u>***

***Frodi*** – Illi l-ewwel akkuza hija bazata fuq ir-reat ta' Truffa kontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kap.9 Il-Qorti tosserva in vena legali illi sabiex jimmatura dan ir-reati iridu jikkonkorru fost ohrajn zewg elementi formanti parti mill-*actus reus* tar-reat, u cioe' l-ingann fil-forma ta' *messa in scena,* u l-**qligh <u>konsegwenzjali</u>.**

Illi fil-kaz in disamina ma giet provata ebda *messa in scena* da parti tal-imputat, u lanqas irrizulta mill-provi – dejjem a bazi ta' valutazzjoni *prima*

*facie* – li l-imputat ikkaguna xi telf lill Ordni u ghamel qliegh personali a pregudizzju tal-istess.

Tlett osservazzjonijiet huma opportuni f' dan ir-rigward :

**1.** Illi mill-provi prodotti ma rrizulta ebda element ta' prova li turi li l-imputat zamm ghalih personali introitu, anki zghir, ricevut minnu ghan-nom tal-Ordni u cioe' fil-kwalita' tieghu ta' Gran Mastru. Il-provi prodotti huma fis-sens li l-introitu kien jintuza ghall-iskopijet tal-Ordni.

**2.** Illi, a skans ta' ekwivoci il-Qorti tosserva li, anki jekk *dato ma non concesso* is-sospensjonijiet u r-revoka, da parti tal-Gran Duca, tan-nonima tal-imputat bhala Gran Mastru, kienu validi, xorta wahda **ma giex provat li l-imputat zammi flus ta' l-Ordni ghalih**. Fi kliem iehor, anki jekk ghall-grazzja tal-argument kellu jigi accettat li l-imputat ghamel xi zmien jagixxi bhala Gran Mastru meta in *stricto jure* seta' ma kienx, xorta wahda ma ngabet ebda prova li dana ghamel qligh a pregudizzju tal-Ordni.

**3.** Illi inoltre x-xhieda principali tal-prosekuzjoni f' dan is-sens, qatt ma sostnew li l-imputat kien qed izomm flus tal-Ordni. L-ilment taghhom kien fis-sens li l-imputat ma kienx jghatihom sodisfazzjoni adegwata tal-ispejjez tal-Ordni u tal-moviment tal-flus u ghalhekk ma kienux jafu x' qed jigri minnhom. Minn dan l-aspett ix-xhieda taghhom kienet vaga hafna, u certament mhux tali li tista' b' xi mod ragjonevolement tifforma bazi ta' htija ghall-din l-akkuza fil-konfront tal-imputat.

Illi il-premessi konsiderazzjonijiet fattwali japplikaw wkoll ghar-reat ta' Frodi Innominat (liema reat ma jirrikjedix l-element tal-*messa in scena*) kontemplat fl-artikolu 309 tal-Kap.9

Ghaldaqstant mill-provi migbura, dan ir-reat ma jistax jissussiti lanqas fuq bazi *prima facie.*

***Approprijazzjoni Indebita***

Illi t-tieni akkuza hija bazata fuq dan ir-reat kontemplat fl-Artikolu 293, bl-aggravji kontemplati fl-artikolu 294. Il-Qorti tosserva li sabiex jimmatura dan ir-reat iridu jikkonkorru, *inter alia*, s-segwenti elementi formanti parti mill-aspett materjali tar-reat: (1) li l-agent ikun dawwar bi profitt ghalih jew ta' persuna ohra, l-oggett fdat lilu; (2) li l-oggett ikun gie fdat lilu, jew bl-obbligu tar-rad lura ta' dik il-haga, jew bl-obbligu li jsir uzu specifiku minn dik il-haga.

Illi minn ezami tal-provi akkwisiti, dejjem ghall-finijiet tal-prova *prima facie*, il-Qorti tirrileva li **ma ngabet <u>ebda prova</u>** li l-imputat dawwar bi profitt ghalih flus tal-Ordni u **ma ngabet <u>ebda prova</u>** li turi li l-flus li huwa kien gabar ghan-nom tal-Ordni kien uzahom, kollha jew parti minnhom, ghal skopijiet ohra.

Illi in fine fuq din l-akkuza huwa opportun li jigi rilevat li fil-fehma tal-Qorti, l-ilment mghamul minn xi membri tal-Ordni li l-Gran Mastru ma kienx jaghatihom rendikont tal-flus u b' hekk qajjem fihom **<u>suspett</u>** ta' attivita' kriminuza, ma jikkostitwix prova, lanqas *prima facie*, ta' dan l-element tar-reat. Il-fatt li l-imputat ma kienx jghatihom sodisfazzjoni

adegwata ma jistax jitqies bhala xi forma ta' prova valida li turi li l-imputat kien qed juza l-flus ghal skopijiet ohra li ma kienux dawk tal-Ordni. Dan kien suspett da parti taghhom u, in mancanza ta' provi, ghandu jibqa' meqjus bhala tali. Wara kollox dawn il-membri kellhom rimedji ohra fil-ligi sabiex igieghlu lill-imputat jippresenta rendikont tal-amministrazzjoni tieghu.

Ghaldaqstant mill-provi migbura dan ir-reat ma jistax jissussiti lanqas fuq bazi *prima facie*.

***Falsifikazzjoni***

It-tielet akkuza hija bazata fuq ir-reat ta' Falsifikazzjoni. L-imputat qed jigi akkuzat li ghamel falsifikazzjoni tal-firma tal-Gran Duca f' dokument tal-Ordni u uzu tal-istess bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap.9.

Il-Qorti tosserva li matul il-kumpliazzjoni din l-akkuza krollat f' bicciet zghar f' saqajin il-prosekuzzjoni meta l-istess Gran Duca tela jixhed quddiem din il-Qorti u kkonferma l-awtenticita' tal-firem tieghu. Huwa kkonferma li l-firem kienu tieghu u kien ghamilhom hu. Ghalhekk din l-akkuza hija, kif jghidu l-Inglizi *'a non starter'*. Osservazzjonijet ulterjuri f' dan ir-rigward huma superfluwi.

***L-Att tal-Kambju***

Ir-raba u l-hames akkuzi huma bazati fuq ksur tad-disposizjonijiet dwar il-Kambju kontemplati fl-Artikolu 233. Illi fir-raba akkuza l-imputat qed jigi akkuzat li, minghajr il-permess tal-Ministru responsabbli ghall-Finanzi, ghamel investiment barra minn Malta f' banek Taljani fosthom il-Banca

Nazionale di Lavoro;  filwaqt li skond il-hames akkuza l-imputat in sostanza qed jigi akkuzat li import flus minn u/jew esporta flus barra minn Malta lejn l-Italja.

Illi rigward din l-akkuza l-unika prova valida li tesisti in propositu hija l-istqarrija tal-imputat u d-deposizjoni tieghu fejn dan spjega x' kienu c-cirkostanzi li wasslu li jkun hemm ismu fuq kont tal-Ordni fl-Italja *(Supra).*

Illi in propositu zewg osservazzjonijiet huma opportuni :

1. Illi l-kont in parola ma kienx fuq l-imputat personalment, u ma kienx tal-imputat, izda kien tal-Ordni u precisament tal-Prijorat Taljan li kien jiggestih hu u kien responsabbli ghalih hu.  L-imputat fil-kwalita' tieghu ta' Gran Mastru, minhabba id-diffikulta' teknika fuq indikata, kien semplicement presta ismu.

Illi dan il-kont kien jigi gestit esklusivament mill-Prijorat Taljan li kien jiddeposita fih il-flus li kien jircevi mill-investituri fl-Italja u kien johrog minnu l-ispjjez relattivi.

Illi di piu l-imputat qal li l-Ordni kienet tircevi percentagg zghir tal-flus li eventwalment kienu jigu depositati fil-kont taghha f' Malta.

Illi hemm xhieda tal-prosekuzjoni li xehdu li l-imputat ma kellux permess ghal din l-attivita'.

Illi l-Qorti hi tal-fehema li mill-kwadru premess jistghu jikkonfigura fil-konfront ta' l-imputat ir-reati kontemplati fl-Art. 11 u 23 tal-Kap. 233.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi a skans ta' ekwivoci l-Qorti tosserva li semplici allegazzjonijiet *'nudi e crudi'* minghajr scintilla ta' prova, nonostante li jkunu saru bil-gurament, mhux necessarjament iwasslu ghal grad ta' prova *prima facie* tal-kontenut taghhom, jekk mill-assiem tal-provi jirrizulta **car u manifest** id-djufija taghhom - *multo magis* meta jigu newtralizzatati minn provi ohra u jkun hemm prova ta' animosita' u pika da parti ta' min jghamilhom. Altriment, persuna tkun tista' tinqeda abbusivament bil-Qrati ta' Gustizzja Kriminali bl-uniku skop li thammeg ir-reputazzjoni ta' terzi u takkwista vantagg ingust.

Illi f' dan il-kaz gie imqieghed il-karettun qabel iz-ziemel. Il-Qorti tosserva li kien ikun ferm opportun u ghaqli li kieku, qabel ma gew istitwiti l-proceduri kriminali odjerni, gew rizoluti l-vertenzi ta' natura civili bejn il-partijiet involuti u koncernati f' din l-istorja.

Il-Qorti tosserva li f' dan il-kaz kien ikun ferm aktar ghaqli li l-partijiet koncernati impjegaw **ir-rimedji civili sabiex igieghlu lill-imputat jipprezenta rendikont sodisfacenti tal-amministrazzjoni** tieghu; u mhux jirrekorru impetwosament u intempestivament quddiem il-Qrati Kriminali u jakkuzaw lill-imputat b' reati serjissimi meta **manifestament** ma kellhomx provi in sostenn taghhom. *Multo Magis,* meta mill-process irrizulta b' mod lampanti li kienu gew prezentati account tal-perijodu li jestendi mis-sena

1991 sas-sena 1995. Min kellu xi ilment dwar il-korretezza ta’ dawn l-accounts kellu jivventila l-vertenza quddiem il-forum konpetenti.

***Decide***

Illi in bazi ghall-premessi konsiderazzjonijiet fattwali u guridici din il-Qorti hija tal-fehma li, fir-rigward tal-akkuzi bazati fuq ir-reati ta’ **Frodi, Approprijazzjoni Indebita u Falsifikazzjoni**, il-prosekuzzjoni bil-provi migjuba ma pprovatx il-kaz taghha fi grad ta’ *prima facie* fuq l-akkuzi mressqa kontra l-imputat, u ghaldaqstant **ma hemmx ragunijet bizzejjed** sabiex l-imputat jitqieghed that att ta’ akkuza fuq dawn l-akkuzi u konsegwentement tordna l-liberazzjoni tieghu minnhom, ai termini tal-Artikolu 401 (2) tal-Kap.9.

Illi rigward ir-raba u l-hames akkuza bazati fuq ksur tal-Art. 11 u 23 tal-**Att Dwar il-Kambju (Kap.233)**, il-Qorti hija tal-fehma li hemm ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed that Att ta’ Akkuza.

In fine il-Qorti tordna li l-Atti odjerni jintbaghtu ghand l-Avukat Generali fiz-zmien skond il-ligi.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***